**494. L-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Therese Comodini Cachia jipproponu:**

Peress li fis-seduta numru 434 ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021 ingħata *ruling* mill-Ispeaker li fih iddeċieda li "*is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi, u kif jidher bl-aktar mod ċar taħt l-artikolu 13(3), il-Kummissarju ma kellux ikompli jinvestiga l-każ inkwistjoni ladarba l-allegazzjoni fuq il-kwistjoni li qegħdin nitkellmu fuqha għadha pendenti fil-Qorti*.";

Peress li l-imsemmi *ruling* ingħata wara li l-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika rċieva rapport mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar dak li seħħ nhar id-29 ta' Novembru 2019 meta numru ta' ġurnalisti ġew imsakkra kontra r-rieda tagħhom fil-Berġa ta' Kastilja (Każ Nru K/017);

Peress li fir-rapport tiegħu l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika sab ksur *prima facie* mill-eks-Prim Ministru Joseph Muscat tal-artikoli 4.9 u 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u ċjoè:

> 4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku; u
>
> 5.8 Ġustizzja u rispett - fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta' bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja;

Peress li f'laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li saret nhar it-Tnejn 1 ta' Marzu 2021, l-Onor. Karol Aquilina talab li l-imsemmi rapport jiġi ppubblikat b'mod immedjat;

Peress li fl-istess laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Therese Comodini Cachia vvutaw favur li l-imsemmi rapport ikun ippubblikat b'mod immedjat filwaqt li l-Onor. Byron Camilleri u l-Onor. Edward Zammit Lewis ivvutaw kontra li r-rapport ikun ippubblikat u għalhekk il-voti kienu ndaqs;

Peress li fiċ-ċirkostanzi l-Ispeaker eżerċita d-dritt tal-vot deċiżiv skont dak li jipprovdi l-artikolu 26(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-Liġijiet ta' Malta) u vvota kontra li r-rapport jiġi ppubblikat;

Peress li hija l-prassi u l-konswetudni parlamentari li f'każ ta' vot deċiżiv l-Ispeaker għandu dejjem jivvota favur li tkompli d-diskussjoni u mhux biex iwaqqafha;

Peress li fl-istess laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, l-Onor. Byron Camilleri u l-Onor. Edward Zammit Lewis ressqu talba għal *ruling* mill-Ispeaker u wara l-Ispeaker għalaq il-laqgħa tal-istess Kumitat sabiex huwa jkun jista' jagħti *ruling*;

Peress illi l-proċedura li giet segwita fil-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika u r-*ruling* mogħti mill-Ispeaker wasslu biex il-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika ġie żvestit mill-funzjonijiet u s-setgħat tiegħu, fost oħrajn iżda mhux biss, dak li jissorvelja u jifli l-ħidma tal-Kummissarju għall-finijiet li jiżgura li l-Kummissarju qiegħed iwettaq id-dmirijiet tiegħu u jaħdem b'mod effiċjenti, u li jeżamina kull rapport li jirċievi mill-Kummissarju;

Peress illi huwa biss il-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li għandu s-setgħa li jiddeċiedi dwar rapport imħejji mill-Kummissarju inkluż jekk ir-rapport għandux jiġi ppubblikat u/jew addottat u dwar x'sanzjonijiet għandhom ikunu imposti;

Peress li l-Ispeaker m'għandux is-setgħa li permezz ta' *ruling* jiddeċiedi dwar il-funzjonijiet u s-setgħat eżerċitati mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

Peress illi jirriżulta b'mod ċar li l-għoti tal-imsemmi *ruling* mill-Ispeaker kif ukoll ir-*ruling* fih innifsu saru bi ksur ta' dak li jipprovdi l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika kif ukoll jagħti interpretazzjoni abbużiva u żbaljata tal-istess liġi;

Peress illi l-Ispeaker m'għandux is-setgħa li permezz ta' *ruling* jagħti interpretazzjoni dwar id-diżposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika u b'mod partikolari l-Ispeaker m'għandux is-setgħa li permezz ta' *ruling* jiddeċiedi dwar il-validità ta' rapport imħejji mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jew jekk il-Kummissarju aġixxiex *intra vires* u *entro* s-setgħat lilu mogħtija mill-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika;

Peress li għalhekk ir-*ruling* tal-Ispeaker imur manifestament kontra l-kelma u l-ispirtu tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika;

Peress li r-*ruling* tal-Ispeaker jittenta jiżvesti lill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika mill-ġurisdizzjoni, is-setgħat u l-funzjonijiet skont dak li jipprovdi l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika;

Peress li r-*ruling* tal-Ispeaker iġib fix-xejn il-funzjonijiet, is-setgħat u l-obbligi tal-Kumitat Permanenti dwar Standards fil-Ħajja Pubblika mwaqqaf taħt l-artikolu 26 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika billi jirrendih bla snien fil-konfront ta' min bħal Dott. Joseph Muscat ikun instab ħati ta' abbużi ta' poter u ksur ta' dmirijiet statutorji u etiċi;

Peress li huwa ġust, xieraq u meħtieġ li kull persuna li tkun qed isservi jew serviet bħala Membru tal-Kamra tkun u tibqa' kontabbli u responsabbli ta' għemilha matul iż-żmien li tkun serviet bħala Membru tal-Kamra u dan mhux biss waqt li tkun qed isservi bħala Membru tal-Kamra iżda anke meta l-persuna ma tibqax isservi bħala Membru tal-Kamra u dan kif inhi l-prattika stabbilita u segwita b'mod rigoruż fid-demokraziji parlamentari madwar id-dinja;

Peress li dan ir-*ruling* tal-Ispeaker ifisser li Membru tal-Kamra jista' bil-kompliċità attiva tal-Ispeaker jiżgiċċa faċilment milli jerfa' r-responsabbiltajiet tal-abbuż li jwettaq meta huwa Membru tal-Kamra fil-każ meta jkun hemm proċeduri kontra terzi persuni u li l-istess Membru tal-Kamra ma jkun bl-ebda mod involut fihom;

Peress li l-imsemmi *ruling* mogħti mill-Ispeaker huwa xhieda u konferma li fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, il-Parlament, qed tirrenja impunità istituzzjonalizzata li qed tikkawża ħsara kbira għad-demokrazija u s-saltna tad-dritt f'pajjiżna;

U peress li l-Ordni Permanenti 62 jipprovdi li kull membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*ruling* tal-Ispeaker li ngħata fis-seduta numru 434 ta' nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu 2021 għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

04.03.2021